**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 20 ta' Jannar, 2016

Il- Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

-vs-

Joseph Schembri

Kaz Nru. 1083/12

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Schembri detentur tal-Karta ta' l-Identita` numru 6968(M) talli:

> F'Dicembru 2009 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ircieva minghand Christopher Zarb, detentur tal-karta tal-identita` numru 38767(M), xi weghda li jinghata lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet, jew xi qligh iehor taht liema ghamla li jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz huwa frott ta' **rapport li sar mill-HSBC** lill-Pulizija fuq suspett ta' frodi u falsifikazzjoni li minn investigazzjonijiet xi snin wara, rrizulta li seta' kien hemm uzura fil-konfront ta' Christopher Zarb. Kif xehed l-Ispettur Maurice Curmi l-investigazzjoni bdiet wara li kien sar rapport mill-HSBC datat l-24 t'April 2007 fejn informaw lill-Pulizija li kumpanija bl-isem Topserv Ltd kienet ghalqet il-kontijiet taghha f' Gunju 2003, izda li f'April 2007 kien gie prezentat cheque minn dak il-kont biex jigi msarraf. B'hekk il-bank issuspetta li seta' kien hemm frodi u falsifikazzjoni minn xi persuni fosthom Vincent Xuereb peress li kien hemm bosta cheques pagabbli lilu. Il-bank rraporta li meta kkonfronta lill-imputat, dan kien qalilhom li kien Christopher Zarb li kien ghaddielu dak ic-cheque li ma kienx issarraf.

L-Ispettur Curmi xehed li meta kien baghat ghal Christopher Zarb dan stqarr li dawk ic-cheques kien tahomlu certu Vincent Xuereb u sarafhom ghand Schembri wara li Xuereb baghtu ghandu fejn talbu biex ma jsemmiex ismu ma l-imputat. Curmi jkompli li Zarb qallu li Schembri zamm elf u mitejn Lira Maltin (LM1200) bhala *commission.* Zarb zied li wara li Schembri kien intebah li ic-cheques ma jissarfux, hu cempel lil Zarb u insista sabiex l-ammont li kien tah *cash* jerga johodhom lura. Meta dan ma kienx kapaci jhallsu, gie mitlub minnu interessi kbar li lahhqu l-40% u spicca kellu jrodd vicin is-sebat elef lira maltija **(LM7000).** Dan wassal sabiex il-Pulizija tmexxi kontra l-imputat u tixlih fuq reat ta' uzura.

L-Ispettur Curmi jghid li kellem ukoll lil Schembri li cahad kategorikament li kien wettaq xi uzura izda spjega li hu kien hallas bil-quddiem lil Zarb ghal xi xoghol tal-injam[1] u hekk kif Zarb baqa ma ghamilx ix-xoghol kien beda jinsisti li jtih ix-xoghol ordnat jew itih il-flus lura. Schembri kien qal li kien ghalhekk li Zarb kien ghaddielu ***"xi tlett cheques"***[2] biex jnaqqas mill-ammont dovut. L-Ispettur Curmi jispjega ukoll kif kien baghat ghall-Vincent Xuereb u investigah fuq ic-*cheque book* misruq. Huwa importantissimu dak li jghid Curmi li meta Vincent Xuereb gie lura mill-Ingilterra u hadlu stqarrija huwa kien **ikkonferma l-verzjoni li kien ta Zarb** lill-Pulizja (a. fol.16).

L-Ispettur Curmi jispjega li l-investigazzjoni wriet li meta Zarb mar issarraf erba **4 cheques** fl-ammonti ta' **LM400, LM800, LM1250 u LM1350**, minn fuq kull cheque Schembri zamm ammont ghalih minn fuq kull cheque. Meta Zarb kien gie mitlub jrodd lura lil Schembri l-flus li kien ghaddielu, Schembri beda jinsisti li jiehu l-ammont komplessiv tac-cheques li kien sarraflu. Ghalhekk talab lil Zarb jirrifondi **LM3800 meta fil-fatt Zarb kien ha biss LM2600** ghax Schembri kien ha *commission* fuq kull cheque li b'kollox ammontat ghal **LM1200**. Rendikont dettaljat inghata minn Zarb fil-kors tax-xhieda tieghu[3]. Sinifikattiv hu l-fatt li Curmi jghid li **inizjalment Xuereb kien kkonferma l-verzjoni moghtija lilu minn Zarb.** Skond dak li ntqal lill-Ispettur Curmi, meta l-imputat kien induna li kien ingiddem baghat ghal Zarb u ried ikun jaf minn fejn gab dawn ic-cheques izda, peress li **Zarb kien intalab minn Xuereb biex ma jsemmihx mal-imputat Schembri,** kien baqa jittrateni milli jikxef lil Xuereb. Gara izda li Schembri baqa jinsisti jkun jaf minn fejn originaw ic-cheques u Zarb spicca kellu jghidlu bil-konsegwenza li it-tlieta ltaqaw ghand Schembri l-Marsa u hekk kif dahal Xuereb, l-imputat qabad itih u kellu jigi mwaqqaf minn Zarb. Din il-Qorti tqis li dawn huma dettalji importanti li jaghtu spjega ghaliex sahansitra quddiem din il-Qorti Xuereb jibqa riluttanti milli jitfa' xi ombra ta' dubbju fuq l-imputat!

Fl-ahhar nett Curmi jghid li Zarb kien gie mgieghel mill-imputat jaghmel skrittura privata minkejja li kien ga tah l-ammont li kien tah originarjament kif ukoll elfejn u hames mitt Lira maltin (LM2500) ohra izda l-imputat baqa jinsisti ghall-iktar flus. L-Ispettur Curmi jghid li

---

[1] Fl-Istqarrija tieghu Schembri jghid li x-xoghol kien jiswa madwar LM6000 u Zarb kien talbu madwar 60% bil-quddiem (fol.25)
[2] Fol.25 Dok.MC2
[3] Fol. 58-59

meta Zarb ma setax ikompli bil-pagamenti kien irrikorra ghand il-Caritas.

Christopher Zarb xehed kif hu kellu jiehu madwar elf Lira Maltin (Lm1000)[4] minghand Xuereb u li dan, biex jaqta` id-dejn minn mieghu, kien tah erba (4) cheques fl-ammont komplessiv ta' LM3800. Peress li kienu *postdated* kien baghtu jssarrafhom ghand Schembri li zamm *commission* fuq kull cheque ghal total ta' elf u mitejn Lira Maltin (**LM1200).** Schembri tah **biss elfejn u sitt mitt Lira Maltin (LM 2600) fejn hu zamm LM1400 u l-kumplament ghaddihom lil Xuereb.** Zarb hu preciz dwar l-ammonti mizmuma mill-imputat fuq kull cheque – fuq ic-cheque ta' LM400 zamm LM100, fuq dak ta' LM800 zamm LM200, fuq ta' LM1235 zamm LM400 u minn fuq ic-cheque ta' LM1350 zamm LM450. Zarb jispjega li ma kienx qed jafda lil Xuereb li c-cheques kienu genwini izda Xuereb kien tah dokument ffirmat minn certu Ivan Camilleri, illum mejjet, flimkien ma kopja tal-karta tal-identita` tal-istess Camilleri, biex jikkonvincih li jistghu jissarfu bla inkwiet. Dan id-dokument hu esebit bhala parti minn Dok. MC5 a fol. 69-70. **Il-Qorti tinnota ukoll li Vincent Xuereb, anke fix-xhieda tieghu (fol. 48-50), jikkonferma dan!**

Zarb jispjega kif, meta Schembri kien intebah li ma kienx ser ikun jista' jsarraf ic-cheques, kien talab **mhux biss l-LM2600 izda l-ammont fl-intjier tieghu ta' LM3800.** Hu kien mar ghand Xuereb u talbu l-flus sabiex jithallas Schembri izda dan ma kellux u Schembri, li lilu kien jaf, beda jsus warajh biex jithallas. Sussegwentement l-imputat kien ha lil Zarb ghand l-Avvukat tieghu fejn kienet saret skrittura privata li biha Zarb intrabat li jaghmel xi xoghol fl-injam ossia bibien[5], ghal Schembri. Zarb issostni li kien fuq insistenza tal-imputat li accetta li jaghmel din l-iskrittura. Hu beda jhallas lill-imputat fi flus kif ukoll b'xoghol. Jghid li hadem xi bibien go flats li kienu jappartjenu lill-habib tal-imputat (fol.64-65) u dan biex jaqta' id-dejn li kellu jaghtih. Jghid li l-imputat fuq dawn il-pagamenti gieli kien itih ircevuti u gieli le. Zarb jghid li Schembri kien qed jippretendi jiehu minghandu madwar **LM6700**. Dan l-ammont ser jassumi rilevanza kbira aktar il-quddiem meta l-Qorti qed tevalwa l-kredibilita` tax-xhud Xuereb.

Zarb bil-gurament tieghu jghid li kien kwazi gie hallas madwar sitt elef u seba mija (LM6700) bejn xoghol fuq tmien (8) bibien li kien ghamel

[4] Xuereb filfatt issemmi LM1200
[5] Fol.64 Lm240 ghal kull bieb fejn kien hadem tmien bibien ghal zewg flattijiet ta' **habib ta' Schembri** li jinsabu bejn il-Qawra u Bugibba

ghal Schembri, stmati li jiswew mitejn u erbghin Lira Maltin kull wiehed (LM240), u flus kontanti (fol. 64-65). Fl-ahharnett Zarb esebixxa skrittura privata datata is-17 ta' Mejju 2007, li saret **bejnu u Vincent Xuereb** quddiem l-Avvukat Chris Cilia ghall-ammont ta' xejn inqas minn **LM6735** (MC7, fol.73). Il-Qorti tqis dan l-ammont bhala rilevantissimu meta jitqies li Xuereb kien xehed li kull ma kellu jaghti lil Zarb kien **LM1200**[6] **(fol. 48)** izda l-ammont li ntrabat li kellu jrodd lil Zarb kien javvicina **dak pretiz mill-imputat u cioe' LM6735** – *vide* **Dok. MC5.**

Semghet lil Vincent Xuereb jammetti li kien **hu li ta (4) cheques lil Zarb u jikkonferma l-ammonti li jsemmi Zarb.** Il-Qorti tara dan bhala punt rilevantissimu, aktar u aktar meta jitqies li c-cheques partikolari li ghadda lil Zarb u li baghtu jsarraf ghand Schembri kienu l-istess li jsemmi Zarb fl-ammonti minnu indikati bl-ittra iffirmata minn Ivan Camilleri li Xuereb jammetti li ghadda lil Zarb (fol.48-50)!

Vincent Xuereb jistqarr li hu kien qed jassumi r-responsabbilita` tieghu ghal dak li ghamel izda jevita kemm jista' milli jimplika lil Joseph Schembri li jikkonferma li kien jafu ghax kien hadimlu *"xi faccata u daqshekk"* (fol 46)[7] . Pero` juri riluttanza kbira meta mistoqsi ghand minn baghat lil Zarb issarraf ic-cheques fejn hu ferm ovvju li ma jixtieqx jimplika lill-imputat! Fuq mistoqsija tal-Prosekuzzjoni jwiegeb *"Jien ma baghtu ghand hadd issarrafhom"* u *"Jien ma baghtu mkien hu x'jigifieri l-Bank imur issarafhom il-bank jigifieri?"* - fol.50. Kellhom issiru bosta domandi mill-prosekuzzjoni biex fl-ahhar jasal jammetti li **hu** kien baghat lil Zarb ghand **Schembri** biex issarraf ic-cheques li kien tah, *"Eh jiena rreferejtu ghand Joseph Schembri ehe."* (fol.50-51).

Ix-xhieda ta' Xuereb ghandha tittiehed fl-isfond ta' dak li xehed l-Ispettur Curmi fejn qal li meta Schembri kien sar jaf li Zarb kien gab ic-cheques minghand Xuereb, dan kien safa msawwat u kellu jwaqqfu Zarb milli jkompli jsawtu (fol. 15). Ma jistax jintnessa il-fatt li skond l-Ispettur Curmi, meta hu kellem lil Xuereb inizjalment, dan kien ikkonferma il-verzjoni ta' Christopher Zarb. Daqstant iehor hu indikattiv il-pensament ta' Xuereb dwar Schembri li kien talab lil Zarb ma jsemmix ma Schembri li ic-cheques gew minghandu (fol. 15)! Xuereb jghid li Zarb kien issemmilu li Schembri kien qed jippretendi imghaxijiet

[6] Fol. 48 *"jien tnax il-mija kelli ntih eh lil Christopher tnax il-mija kelli ntih,…."*
[7] Fl-istqarrija tieghu Schembri ukoll jghid li kien jaf lil Xuereb *"Iva gieli ghamilli xi xoghol ta' bini u affarijiet hekk."* Fol.24

minghandu.[8] Issa, tenut kont li Xuereb jikkonferma li hu u Zarb kienu hbieb (fol. 47- *"Dak konna hbieb antiki ma Christopher Zarb…"*, din l-Qorti tara li ma kien hemm ebda lok ghal Zarb biex jigdiblu. Hu ta' importanza kbira il-fatt li Xuereb innifsu spicca ghamel skrittura privata ma Zarb li tirrifletti **mhux it-tnax il-mija (LM1200),** li kemm il-darba ammetta li kellu jaghti lil Zarb [9], izda ammont ta' **LM6735. Zarb issemmi li din kienet is-somma pretiza mill-imputat –** *"…kien tallahomli ghal sitt elef, seba mija u xi haga fuqhom" (fol.64).* Aktar kummenti dwar dan huma superfluwi.

Xuereb ukoll jikkonferma (il-verzjoni ta' Zarb) li kien ta **erba** (4) cheques lil Zarb. *"Spettur: Qed nurik id-dokumenti mmarkatai bhala MC4. Xhud: Iva kollha jien tajtjomlu dawn thabbilx mohhok.".* fol.48. L-ingann ta' Xuereb hu ferm evidenti fejn b'ammissjoni tieghu jghid li kien involva lil certu Ivan Camilleri u gghelu jaghmel l-ittra (fejn jissemmew il-figuri tac-cheques li semma Zarb) li tinsab fit-tielet faccata ta' MC5 (fol.69-70) - ittra li saret *"Biex Chris jemminini li c-cheques huma tajbin daqshekk….. Iva ezatt biex nigi emnut mela"(fol.48-50).* Meta riprodott Xuereb jixhed li kien Zarb li gghelu jimplika lil Schembri u dan peress li skond Xuereb kien minghandu biss li setghu jiehdu xi haga ghax minghand Xuereb ma kien ser jiehu xejn. Pero` meta jitqies li dan il-kaz nibet minn rapport maghmul mill-HSBC fl-2007, tali akkuza ma treggix! Ma kienx Zarb li harref storja biex ma jkomplix ihallas lil Schembri – kien waqaf ihallsu ferm qabel ma bdiet l-investigazzjoni fl-2010. Mill-provi tasal tikkonkludi li **hu Xuereb li qed jaghmel allegazzjonijiet fuq Zarb. Allegazzjonijiet li ma kienux saru meta Curmi kien investiga lil Xuereb.** Dan hu l-istess Zarb li fi kliem Schembri stess a fol.102 *"Censu [Vincent Xuereb] qalli "dan m'ghandekx problemi minnu".*

L-imputat Joseph Schembri ta ix-xhieda tieghu minn fejn hargu numru t'inkonsistenzi. Jghid li Zarb ma hadimlux u hu beda jigri warajh sabiex jaghmel ix-xoghol mqabbad minnu u meta Zarb baqa inadempjenti kellhom jispiccaw quddiem l-Avvukat tieghu w jaghmlu skrittura privata li esebixxa bhala Dok. **JS1 (fol.113).** Schembri baqa jinsisti li hu

[8] *"Qalli ghax jien wehilthom imghaxx minghand bniedem ma nafx minhu"* fol 47; Fol.52 *" …hu jrid il-flus li qal wehel minghand Joseph Schembri l-imghaxxijiet hadimlu ma nafx x'ghamillu , riedhom minghandi"* u fuq domanda dwar jekk Zarb kienx qed jitlob minghand Xuereb id-differenza tac-cheques Xuereb jghid *" Irid iktar ghax qal li wehel imghaxxijiet minghand Joseph Schembri".* Fol.53 *"Le hu qal li beda jzommli hafna imghaxxijiet issa jien ma nafx x'hemm bejniethom hux dan x'qed jghid hu"*
[9] Fol. 48 *"…jien tnax il-mija kelli ntih eh lil Christopher tnax il-mija kelli ntih,…";* fol.*51 "Tnax il-mija ma tafux li tnax il-mija ghax qieghed hawn Chris hux. Tnax il-mija hadt jien".* Fol 53 *"Gejt mill-Ingilterra …habba dawn it-tnax il-mija ….".*

zewg cheques ghaddew minn taht idejh u cahad li qatt ra ic-cheques mmarkatai MC4 -fol. 81-82. Jghid li dawn ic-cheques **nghataw lilu minn Xuereb** meta evidentement lil bank kien qallu mod iehor kif jidher mid-**Dok. MC3**![10]

Din il-Qorti ghandha riservi kbar dwar l-iskrittura privata esebita. L-ammont ta' xoghol, il-perjodu li fih kellu jlestih, u l-valur li gie stmat li jiswa x-xoghol, iqanqal vizjoni ta' *sweatshop* simili ghal dak li jithaddem minn persuni traffikati u sfruttati ghal xogholhom. Ix-xoghol kollu li Zarb qed jintrabat li jaghmel ghall-imputat gie jiswa, skond l-iskrittura, elfejn u mitejn Lira Maltin LM2200 ammontanti ghal hamest elef, mija u hamsa u ghoxrin euro (€5125). Dan jinvolvi komplessivament xejn anqas minn ***10 bibien tas-solid gewz, lostru ta' erba (4) bibien, kcina solid pine 10 piedi cupboards isfel u cupboards fuq, mejda u erba (4) siggijiet parigg, sufan, TV Unit u zewgt (2) twieqi tal-gewz afrikan kompluti bil-hgieg***. Dan ix-xoghol irid jitlesta, skond l-iskrittura, **fi zmien hames gimghat u ghal prezz ta' Lm2200!!!**

Huwa ferm ta' thassib serju l-fatt li filwaqt li x-xoghlijiet kollha msemmija fil-para (a) u (c) 'stmati' li jiswew **elf u mitt lira maltin (LM1100)** (cioe' ***lostru ta' erba (4) bibien kcina solid pine b' cupboards ta' ghaxar piedi l-fuq u l-isfel, b'mejda u erba (4) siggijiet parigg, sufan l-Shape birexin u coffee table tal-pine, TV Unit, tieqa tal-gewz afrikan f'zewg bibien kompluta bil-hgieg, kif ukoll 5 bibien solid gewz afrikan***), l-**istess prezz ta' LM1100** qed jinghata ghall-***5 bibien solid gewz afrikan u tieqa*** tal-gewz afrikan f'zewg bibien kompluta bil-hgieg **biss**!

Ai termini tal-iskrittura, kif ikkonferma Schembri fix-xhieda tieghu, Zarb kien marbut li jlesti ix-xoghol f'terminu stabbilit w fin-nuqqas ta' dan jinkorri multa' ta' Lm100 kuljum.[11] Kif gja accennat dak maqbul qatt ma seta' jirrejalizza ruhu fiz-zmien stipulat. L-iskrittura saret fil-21 ta' Mejju 2008 u din tipprovdi li sal-ahhar ta' Mejju, u cioe' ***sa ghaxart (10) ijiem wara***, dan kellu jlesti *"5 bibien solid gewz…."* u *"tieqa gewz afrikan maqsuma f'zewg bibien kompluta bil-hgieg mwahhla fil-post"!!* Iktar minn hekk sa xahar wara (sa l-ahhar ta' Gunju 2008, fol.94) kien mistenni jlesti il-kumplament tal-bibien u ghamara kollha - ***lostru ta' erba (4) bibien kcina solid pine b' cupboards ta' ghaxar piedi l-fuq u l-isfel, b'mejda u erba (4) siggijiet parigg, sufan l-Shape birexin u coffee table tal-pine, TV***

[10] *"he stated that he had been given* ***other cheques*** *altogether amounting to Lm9000. Schembri claimed that* ***these cheques were given to him by Christopher Zarb****……" (fol.38-39).*

[11] Fol.104

***Unit, tieqa tal-gewz afrikan f'zewg bibien kompluta bil-hgieg, kif ukoll 5 bibien solid gewz afrikan*!**

Gie kkunsidrat ukoll li filwaqt li tant kien anzjuz biex jissalda l-kreditu tieghu, l-imputat ghamel skrittura privata - *"ghamilna skrittura privata fejn obbliga ruhu li jkompli jaghmilli x-xoghol"* (fol.25) –meta mistoqsi mill-Ispettur Curmi jekk hux ser jesigi dak pretiz minnu ghax xoghol li ma ghamilx billi jiehu passi l-Qorti, jghid *"Jien m'hiniex bi hsiebni naghmel xejn minn dak. Jekk irid jigi ihallasni tajjeb jekk le jibqa kollox kif inhu"* (fol.26). Allura ma jaghmilx sens dak li xehed l-imputat li Zarb ivvinta storja dwaru biex ma jaghmillux l-ghamara! Dejjem ma jridx jitnessa l-fatt li kieku ma kienx ghar-rapport tal-HSBC plc. **fl-2007** din l-istorja kienet tibqa' mistura**.** Kieku hu minnu li Zarb ried jieqaf ihallas u harref storja simili, dan kien jaghmlu ferm qabel u kien immur hu jirraporta lill-imputat ghand il-Pulizija. Kif tixhed l-istqarrija tal-imputat dan gie investigat biss fl-2010 u dejjem in konnessjoni mal-ittra mibghuta mill-bank dwar allegat frodi u falsifikazzjoni.

**Dok. MC3** a. fol 38 hi l-ittra li ntbaghtet mill-HSBC lill-Economic Crime Unit nhar l-24 t'April 2007. Hi dik l-ittra li tizvela kif fid-19 t'April cheque bin-numru 1896, *postdated* ghal 24.04.07, kien gie prezentat fil-fergha tal-HSBC Paola minn Joseph Schembri li meta gie mgharraf li l-kont kien maghluq *"he stated that he had been given* ***other cheques*** *altogether amounting to Lm9000. Schembri claimed that* ***these cheques were given to him by Christopher Zarb*****……"** *(fol.38-39).* Mela kien hu li semmieh lil Zarb u mhux vice versa! Dan jghidu l-Bank stess fl-ittra tieghu a fol.38! Zarb kixef l-uzura meta kien gie mitkellem mill-Pulizija. **Kieku ma semmihx Schembri, l-Pulizija qatt ma kienet ser tasal ghal Zarb li spicca jizvela li kien vittma tal-uzura.**

Din id-dikjarazzjoni ta' Schembri tassumi sinifikat kbir aktar u aktar meta jitqies li kienet l-ewwel reazzjoni tieghu. Altru li din inghatat *a tempo vergine.* L-istess kien qal lill-Ispettur Curmi nhar l-24 ta' Frar 2010: *"….kien gabli* ***xi tlett cheques*** *li naf biss kienu ta' xi kumpanija, li* ***ma kienux issarfu.*** *Ghalhekk jien dawn ic-****cheques kont tajthomlu lura*** *……"*(fol.25). Hu ghalhekk li c-cheques l-ohra moghtija minn Zarb ma wasslux ghand il-Bank. X'raguni hemm sabiex quddiem din il-Qorti jkompli jinsisti li kull ma inghata kienu zewg cheques wiehed ta' LM400 u iehor ta' tmien mija (LM800) u li dawn inghataw lilu minn Xuereb u mhux Zarb?

"*Xhud:* *Umbghad tani zewg cekkijiet, wiehed ta' tmien mija……*
*Difiza:* *Mela ha nurihomlok. Mela qed nurih foglio 81 u 82 tal-process, Dokument MC8 u MC9. Tista' tghidilna minn liema minn dawn ic-cekkijiet.*
*Xhud:* *Dan ta' erba' mija u dan ta' tmien mija. (fol.105)*

*Pros:* *81 u 82. Dan il-hames cekkijiet rajthom inti le?*
*Xhud:* *Le, le issa qed narahom.*
*Pros:* *Arahom daqxejn. Ara tistax tghidilna jekk xi darba, gewx xi darba f'idejk?*
*Xhud:* *Tnejn minnhom iva.*
*Pros:* *Ara. Li ppruvajt issarraf nafu imma ara l-ohrajn gewx f'idejk ukoll?*
*Xhud:* *Gie wiehed dan ta' l-erba' mija f'idi zgur u dan ta' tmien mija biss. Il-bqija l-ohrajn qatt ma rajthom.*
*Qorti:* *L-ohrajn qatt ma gew f'idejk qed tghid?*
*Xhud:* *Le, qatt, qatt, qatt. Lanqas qatt ma rajthom zgur.*
*Difiza:* *U jekk gew f'idejk tajthom lura inti?*
*Xhud:* ***Le tajthom lil Vince ghax hu tahomli.***
*Pros:* *Jekk nghidlek li dawn gew f'idejk, gie bihom ghandek Christopher Zarb, zammejt ghalik is-somma ta' tnax-il mija bhala fee talli sarrafthomlu, hallast minnhom erbatax-il mija lil Vincent Xuereb.*
*Xhud:* *Jien? Le mhux veru…… (fol. 106-107)*

Izda ftit mumenti wara, a fol. 107, Schembri jixhed:
*Xhud:* ***Sadanittant lil Xuereb fuq dawn ic-cekkijiet lanqas kont nafu.*** *Jien Zarb kien tahomli lili. ……*
*Xhud:* *Le. Dawk it-tnejn biss. Ta' erba' mija u ta' tmien mija u ergajt tajthomlu. Kif mort il-bank insarrafhom, qaltli "dawn misruqin". Cempiltlu, ghidtlu "dawn x'tajtni inti?", qalli "tahomli haddiehor". Kien ghadu lanqas semmieli lil Censu, li tahomlu Censu. Lanqas kont naf li gabhom minghand Censu jien. Wara sirt naf.*

Schembri irid li jigi emnut li ma kien hemmx tisrif fuq l-idejn u li l-flus gew ghandu minghand Zarb in konsiderazzjoni tax-xoghol li hu kien intalab jaghmel. Izda l-ammont ta' Lm1200 hu dak l-ammont li skond Zarb kien zamm ghalih l-imputat bhala *commission* fuq l-erba (4) cheques li fi kliem Xuereb hu kien baghat lil Zarb issarraf ghand l-imputat. L-istess cheques li juru l-ammonti deskritti fl-ittra ta' Camilleri li wkoll kien Xuereb li kien irnexxilu jinganna lil Zarb biha.

**Kontradazzjoni ohra** hi dwar ix-xoghol li suppost kellu jaghmel Zarb u li dwaru ghamlu l-iskrittura, fejn ghal-ewwel darba tissemma kamra tas-sodda:
*Pros:* *Jigifieri inti qed tghid meta ghamiltu.* ***Dan is-sebat elef*** *tista' tispjegalna ftit ta' x'hiex kienu dovuti lilek?*
*Xhud:* ***Kamra tas-sodda.(fol.110)***

L-iskrittura issemmi ghamara diversa izda l-ebda kamra tas-sodda. Jissemma ghall-ewwel darba l-ammont ta' sebat (7) elef, li fil-fehma tal-Qorti kellu jkun il-valur veritjier tal-ghamara li ntrabat li jahdem Zarb biex ihallas l-ammont dovut lill-imputat bl-interessi esaggerati pretizi

minnu, u mhux l-ammont indikat fl-iskrittura ta' LM2200! Din is-somma tibda tavvicina s-somma msemmija minn Zarb bhala dik li kien mistenni jhallas lill-imputat.

Din il-Qorti wara li evalwat il-provi migjuba quddiemha, ix-xhieda mismugha, tqis li l-verzjoni moghtija minn Christopher Zarb ghandha mill-veru u hija kredibbli.

Fid-dawl tal-provi li gew prodotti f'dawn il-proceduri, l-Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f'dana il-kaz jezistux l-estremi legali li jsawwru ir-reati kkontemplati fl-artikoli 101, 104 u 110 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan partikolarment fil-konfront ta' Vincent Xuereb.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 298C(5) tal-Kodici Kriminali, l-ligi taghna tistipula li l-Qorti ghandha tordna lill-hati jhallas l-ammont li jkun thallas in eccess meta dan l-ammont jirrizultalha. Din il-Qorti ghamlet il-kalkoli taghha billi qisiet li Zarb mar issarraf ic-cekkijiet ghand Schembri xi zmien bejn l-14 u id-19 t'April 2007 – l-ittra tal-bank tippreciza li Schembri kien mar issarraf ic-cheque nhar id-19 t'April 2007 u l-ittra ta' Ivan Camilleri hi datata 14 t' April 2007. Zarb sarraf ghand l-imputat erba (4) cheques - kif jikkonferma Xuereb ghat-total ta' LM3800 - u l-imputat zamm ghalih Lm1200. B'hekk Schembri ta **LM2600 (€6056) biss** lil Zarb. Ghalhekk l-ammont ta' Lm2600 **(€6056)** kapitalizzat bit-tmienja fil-mija (8%) *per annum* sa April 2008 jigi sar LM2808 **(€6541)** u LM2808 kapitallizat bl-istess rata ta' tmienja fil-mija (8%) *per annum*, sa April 2009 sar Lm3033 **(€7065)**. Il-kalkoli saru fuq sentejn minn April 2007 sa April 2009 ghalkemm l-akkuza testendi sa Dicembru 2009. Zarb jghid li bejn xoghol u *cash* kien kwazi hallas lil Schembri l-ammont kollu u cioe' madwar LM6700[12]. Fl-ahjar ipotezi ghall-imputat qed jitqies li minn April 2007 sa April 2009 Zarb kien hallas sitt elef Lira Maltin (*LM6000)*. B'hekk gie hallas in eccess l-ammont ta' elfejn disa mija u seba u sittin Lira Maltija (**LM2967) (ekwivalenti ghal €6911),** liema somma tirrizulta billi tnaqqas l-ammont ta' tlett elef u tlieta u tletin Lira Maltija (LM3033) - l-ammont ta' elfejn u sitt mitt Lira Maltin (LM2600) kapitalizzat bit-8% sa' April 2009 - mill-ammont ta' sitt elef (LM6000) - li ser jittiehed bhala l-ammont li kien lahaq hallas Zarb ghalkemm dan tal-ahhar jghid li kien kwazi hallas is-Lm7000 pretizi mill-imputat

[12] L-imputat ukoll jaghti din ic-cifra kif gja inghad meta jghid li l-imputat kellu jaghmel kamra tas-sodda – fol.110 filwaqt li LM6735 kienet is-somma li Xuereb inrabat li kienet dovuta lil Zarb.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura serja tar-reat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat. Ma tqisx li ghandha timponi piena karcerarja effettiva izda ghandha timponi sentenza sospiza apparti l-multa.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 u 298C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu inkantu li rcieva imghax in eccess impost mil-ligi minghand Christopher Zarb u tikkundannah ghal tnax il-xahar (12) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien erba snin (4) u tikkundannah ghall-hlas ta' *multa* ta' erbat elef euro (€4,000). F'kaz li l-multa jew parti minnha ma tithallasx din tigi konvertita fi prigunerija.

Il-Qorti qed tordna lill-imputat sabiex ihallas lura lill-Christopher Zarb detentur tal-Karta ta' l-Identita` numru 38767(M), is-somma ta' sitt elef, disa mija u hdax il-ewro (€6911), rapprezentanti l-ammont mhallas in eccess ta' dak li hu permess bil-ligi.[13]

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta'l-atti u ta' dina is-sentenza jintbaghtu lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel l-investigazzjonijiet kif ordnat.

**Dr Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**

**Magistrat**

[13] Elfejn disa mija u seba u sittin Lira Maltin (LM2967).